MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-19 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 3041/1996/1

Paul **SALIBA**

vs

Anthony **MIFSUD**, u t-Tabib Dottor Anthony Mifsud maħtur b'degriet tal-20 ta' Novembru, 1996, kuratur deputat biex jidher għall-assenti Nicholas Vella li jinsab imsiefer l-Ingilterra; u b'Nota tal-10 ta' Mejju, 2000, Nicholas Vella assuma l-atti tal-kawża dwaru ladarba kien reġa' ġie lura Malta

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-21 ta' Ottubru, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) issib li huwa s-sid waħdieni ta' kull materjal,

dokumenti, *drawings*, pjanti u kif ukoll tejoriji maħsubin minnu b'rabta ma' studji li huwa għamel dwar iż-żmien Feniċjo-Puniku kemm permezz ta' *assignments* u kif ukoll f'teżi bl-isem "*Phoenician-Punic Landscape Archaeology with Special reference to the Maltese Islands*"; (b) tikkundanna lill-imħarrkin biex, fiż-żmien qasir li jogħġobha tiffissalhom, iroddulu lura kull materjal kif fuq imsemmi li sar minnu, magħduda dokumenti, *drawings* u pjanti, li għandhom taħt idejhom, taħt piena ta' disprezz u l-ħruġ ta' Mandat *in Factum*; u (ċ) iżżomm u tinibixxi lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, milli jinqdew bl-imsemmi materjal jew juru u jxerrdu ma' ħaddieħor tejoriji u teżijiet magħmulin minnu dwar iż-żmien Feniċjo-Puniku msemmi, taħt piena ta' disprezz lejn l-awtorita' tagħha u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra li jista' jieħu kontrihom.  Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-13 ta' Jannar, 1998, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ċaħdu li xi ħadd minnhom għandu f'idejh xi materjal "ta' proprjeta' assoluta tal-attur" jew li nqdew b'materjal bħal dak;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta' Marzu, 1998[1], li bih ċaħdet talba tal-attur għas-sejħa fil-kawża tal-Professur Anthony Frendo, kif mitlub f'rikors imressaq mill-attur fis-6 ta' Ottubru, 1997;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-8 ta' Mejju, 1998[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistenta Ġudizzjarja biex tieħu x-xhieda u tilqa' d-dokumenti li jressqu l-partijiet;

Rat il-verbali tas-seduti u x-xhieda miġbura mill-Assistent Ġudizzjarju msemmija, u kif ukoll il-provi dokumentali mressqa;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Jannar, 2005[3], li bih ħassret il-ħatra tal-Assistent Ġudizzjarju u ordnat li l-bqija tax-xhieda tinstema' quddiemha waqt is-smigħ;

[1] Paġġ. 29 – 30 tal-proċess
[2] Paġ. 32 tal-proċess
[3] Paġ. 649 tal-proċess

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa mill-partijiet waqt is-smigħ quddiem il-Qorti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-attur magħmula waqt is-smigħ tal-20 ta' Ottubru, 2005 (reġistrata)[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fid-9 ta' Frar, 2006[5], bi tweġiba għal dawk magħmlin mill-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar dritt tal-awtur. L-attur jgħid li huwa s-sid waħdien ta' proprjeta' intellettwali magħmla minn tejoriji u ħsieb li huwa fassal u fisser fi studji li huwa għamel dwar aspetti arkejoloġiċi taż-żmien Feniċjo-Puniku fil-Gżejjer Maltin b'rabta ma' kors li ħa fl-Universita' ta' Malta mad-Dipartiment tal-Arkejoloġija fi ħdan il-Fakulta' tal-Arti. Huwa jgħid li l-imħarrkin żammew f'idejhom materjal li jagħmel minn dawn l-istudji – magħdud fih dokumenti, diżinji u pjanti li ħejja u fassal hu nnifsu – u li huwa jgħid li issa huma jridu joħdulu bla ebda jedd u biex jinqdew bih huma għall-għanijiet ta' moħħhom. Irid ukoll li jżomm lill-imħarrkin milli b'xi mod jinqdew b'dak il-materjal taħt piena ta' disprezz. Żamm sħiħ kull jedd ta' azzjoni oħra li jista' jieħu kontra l-imħarrkin;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin laqgħu billi ċaħdu li huma għandhom f'idejhom xi materjal li l-attur jista' tassew jgħid li huwa tiegħu. Għalhekk ċaħdu li t-talbiet tiegħu jistgħu jew imisshom jintlaqgħu;

[4] Paġġ. 752 sa 767 tal-proċess
[5] Paġġ. 771 – 4 tal-proċess

Illi mill-fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża joħroġ li l-attur kien jaħdem bħala *draughtsman* mad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Ilma sa mill-1980 meta kellu mal-erbgħa u għoxrin (24) sena. F'Ottubru tal-1992, daħal għal kors fl-Universita' ta' Malta mad-Dipartiment tal-Arkejoloġija fi ħdan il-Fakulta' tal-Arti;

Illi fix-xhur ta' s-sajf tal-1993, l-attur kien ħa sehem fi proġett ta' skavi u tiftix fis-sit arkejoloġiku magħruf bħala l-"*Brocktorff Circle*" fix-Xagħra, Għawdex, u li kienu jagħmlu minnu bosta studenti tal-arkejoloġija Maltin. Hemmhekk iltaqa' mal-imħarrek Nicholas Vella (aktar 'il quddiem imsejjaħ "Vella"), li dak iż-żmien kien student tat-tielet sena fl-istess Dipartiment tal-Arkejoloġija[6]. L-attur kien qiegħed imexxi l-istudji tiegħu fl-Universita' taħt il-ħarsien tal-Professur Anthony Frendo (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Professur");

Illi l-imħarrek Mifsud (aktar 'il quddiem imsejjaħ "it-Tabib") huwa tabib bi professjoni u bejn l-1971 u l-1979 kien jaqdi dmirijiet ta' tabib Suprintendent Mediku fl-Isptar ta' Għawdex. Matul iż-żmien li kien dam hemm, u billi kien jinteressa ruħu fl-arkejoloġija u jisma' mill-pazjenti Għawdxin li kien jiltaqa' magħhom, seħħlu jsib xi siti interessanti fl-inħawi tad-Dwejra[7]. Kien beda jżomm notamenti u jieħu ritratti ta' dak li sab. F'għar minnhom, f'Novembru tal-1978, kien sab bħal iskrizzjoni li laqtitu, ħadilha ritratt u bagħat jikteb barra biex jitlob il-fehma ta' awtoritajiet arkejoloġiċi kemm fl-Italja u kif ukoll fir-renju Unit[8] u jekk kinux jaqblu mal-fehma li huwa kellu li dik kienet kitba bl-ilsien Feniċju[9]. Sa April tal-1982[10] kien fassal l-osservazzjonjiet tiegħu f'kitba miżgħuda b'diżinji u saħansitra kejl dettaljat li hu ħa fuq il-post;

Illi lejn l-aħħar tal-1993, it-Tabib sar jaf minn ħabib tiegħu li l-attur kellu n-namra tal-filatelija u huwa kien introduċa ruħu ma' mart l-attur bil-ħsieb li jitkellmu fuq l-istorja

[6] Xhieda tal-imħarrek Vella 16.2.2004, f'paġ. 583 tal-proċess
[7] Xhieda tal-imħarrek Mifsud 20.10.2003, f'paġ. 554 tal-proċess
[8] Dokti "AM1" sa "AM7", f'paġġ. 541 – 8 tal-proċess
[9] Dok "AMZ", f'paġ. 558 tal-proċess
[10] Dok "AM0" f'paġġ. 529 sa 540 tal-proċess

postali u jpartat materjal filateliku miegħu[11]. L-ewwel laqgħat bejn l-attur u t-Tabib kienu għal kollox marbuta ma' din in-namra. Minħabba f'hekk, it-Tabib kien imur id-dar tal-attur ta' spiss u kien sar ukoll it-tabib tal-familja tiegħu[12]. F'okkażjoni minnhom, l-attur kien għarraf lit-Tabib li ma kienx għad fadallu ħin wisq biex jintilef fuq il-filatelija għaliex kien qed isegwi kors fl-Universita'. Meta t-Tabib sema' dan, kien qal lill-attur bil-materjal arkejoloġiku li kien ġabar f'Għawdex u qatagħha li lill-attur jgħaddihulu biex jara x'seta' jagħmel bih. Aktar tard dik is-sena, it-Tabib ħa lill-attur hu stess sa Għawdex biex jurih fejn kienu l-postijiet li kien għamel is-sejbiet tiegħu fihom[13];

Illi t-tejorija jew sensiela ta' fehmiet li l-attur żviluppa tul iż-żmien li kien qiegħed isegwi l-kors kienu jikkonsistu fl-ideja li (i) il-belt feniċja ta' Kartaġni (fit-Tuneżija) kienet imnebbha mill-belt feniċja ta' Sidon (Saidin) (fil-Libanu) u mhux minn dik ta' Tir (fil-Libanu wkoll); (ii) li l-imkien fejn illum tinsab il-Birgu (Vittoriosa) kien hemm il-belt ta' Chersonesos li jsemmi Tolomew; (iii) li d-daħla ta' Fomm ir-Riħ (f'Malta) hija dak li kien il-port feniċju ta' "*Melita*" li jaqa' fl-inħawi tar-Rabat u tal-Imdina li r-Rumani kienu jagħrfu bħala "*Melita*"; (iv) li l-gżira ta' Għawdex kienet art li l-Feniċi kellhom fiha port ma' kull riħ ewlieni tagħha u li fiha kienu dejjem isibu l-kenn, ikun x'ikun ir-riħ li jaħbtu miegħu, u (v) li minħabba f'hekk, sab rabta bejn it-tifsira tal-kelma feniċja "*gwl*" (li l-attur jgħid li hi l-għerq ta' kelma li tfisser "mirkeb ġej għat-tond") u s-sura tal-gżira Għawdxija; (vi) li fl-inħawi ta' San Lawrenz (Għawdex) kien hemm żewġ portijiet feniċi: wieħed (rettangolari) fejn hemm il-Ġebla tal-Ġeneral, u l-ieħor (f'għamla tonda) fid-Dwejra, ftit lil hinn; (vii) li din ix-xejra ta' port rettangolari u ieħor tond biswit xulxin kienet karatteristika ta' xenarji littorali feniċi fi nħawi oħra fil-Mediterran; u (viii) il-qtugħ ta' kmamar jew għerien fil-blat b'niċeċ ġo fihom u b'xi element arkejoloġiku partikolari jixhed il-preżenza ta' mqades jew santwarji feniċi marbuta ma' qafas sagru[14]. Dawn tennihom fit-teżi[15] u ħareġ ukoll mudell skematiku[16];

[11] Xhieda ta' Elizabeth Saliba 19.1.2001, f'paġ. 352 tal-proċess
[12] *Ibid.* f'paġ. 353 tal-proċess
[13] Xhieda tal-imħarrek Mifsud 24.11.2003, f'paġ. 560 tal-proċess
[14] Affidavit tal-attur f'paġġ. 34 – 6 tal-proċess
[15] Paġġ. 202 – 4 tal-proċess

Illi f'Jannar tal-1994[17], meta l-attur kien wasal fit-tieni sena tal-Kors tal-Baċellerat, ressaq l-ewwel *assignment*. Dak iż-żmien ukoll, Vella, li kien wasal biex itemm l-istudji tiegħu fl-Universita', beda jfittex biex jissokta r-riċerka tiegħu fi studji *post-graduate*[18]. It-talba tiegħu ntlaqgħet fi Frar tal-1994[19] u f'Marzu ta' wara ressaq it-talba formali tiegħu biex jitħalla jirreġistra biex jibda kors[20];

Illi f'Settembru tal-1994, wara li kien temm l-istudji tiegħu f'Malta, Vella mar jistudja għall-grad ta' Duttur tal-Filosofija fl-Universita' ta' Bristol, fir-Renju Unit. Ir-riċerka li kien fi ħsiebu jagħmel kellha tkun dwar l-influwenzi soċjali li seħħew fin-nofsinhar ta' Spanja u f'Sardinja meta l-Feniċi ikkolonizżaw dawk l-inħawi[21];

Illi f'Novembru tal-1994[22], l-attur ressaq it-tieni *assignment* meta kien beda t-tielet sena tal-Kors tal-Baċellerat u liema xogħol kien jiġbor fih l-aċċertamenti li l-attur kien għamel f'Għawdex minn dak inhar li kien ressaq l-ewwel *assignment*. Ta' dan ix-xogħol, l-attur ingħata marka ta' ħamsa u tmenin fil-mija (85%)[23];

Illi waqt li Vella kien f'Malta għall-btajjel tal-Milied f'Jannar tal-1995, reġa' ltaqa' mal-attur u dan għarrfu bis-sejbiet li kien għamel mat-Tabib f'Għawdex[24]. Fi Frar tal-1995[25], meta reġa' tela' lura r-Renju Unit, Vella kiteb lill-attur minn Bristol biex jgħarrfu b'xi tagħrif li sar jaf bih waqt l-istudji tiegħu u li setgħu kienu ta' fejda għall-attur;

Illi fit-30 ta' Ġunju, 1995[26], l-attur kiteb lill-Professur biex jagħtih il-proposta ta' kif kien fi ħsiebu jfassal u jqassam it-teżi. Kien semma l-involviment kemm tat-Tabib fil-"*joint venture*" bejniethom u kif ukoll ta' Vella li wera interess fl-istudji tal-attur u fejn "*we mutually agreed that all new*

---

[16] Dok f'paġ. 433 tal-proċess
[17] Dok "PS1", f'paġġ. 675 sa 739 tal-proċess
[18] Dok "NCV01", f'paġ. 568 tal-proċess
[19] Dok "NCV02", f'paġġ. 569 – 570 tal-proċess
[20] Dok "NCV03a", f'paġ. 571 tal-proċess
[21] Dok "NCV03c", f'paġ. 573 tal-proċess
[22] Dok "PSY", f'paġġ. 424 sa 483 tal-proċess
[23] Xhieda tal-Prof. Anthony Frendo 2.6.2003, f'paġ. 506 tal-proċess
[24] Xhieda tal-imħarrek Vella 16.2.2004, f'paġ. 585 tal-proċess
[25] Dok "PS10", f'paġġ. 509 – 510 tal-proċess
[26] Dok "JZ2", f'paġġ. 358 sa 361 tal-proċess

*finds will be equally shared between us*". Kien semma wkoll il-possibilita' tal-pubblikazzjoni tas-sejbiet u t-tejoriji li kellu jsemmi fit-teżi, wara li jkun ressaqha, u bis-sehem tagħhom ilkoll. Kien seħaq li kellu jkun hu biss li jitkellem miegħu dwar it-teżi u li "*the responsibility for the interpretation and views expressed in my long assignment remain mine alone*";

Illi f'Lulju tal-1995, l-attur reġa' għamel xi studji u ħa riljevi oħrajn fuq is-sit f'Għawdex flimkien ma' Vella u saħansitra fassal il-programm b'reqqa mill-akbar minn qabel u bagħat kopja tiegħu kemm lill-Professur u kif ukoll lil Vella[27]. Kien qabbad ukoll inġinier ħabib tiegħu biex jagħmel kostatazzjonijiet u jieħu kejl ta' raded tal-karrijiet ("*cart ruts*") li jgħaqqdu liż-żewġ portijiet flimkien, barrieri qodma u turġien minġura fil-blat[28]. L-inġinier kien mar fl-inħawi aktar minn darba – f'okkażjoni minnhom kienu marru miegħu t-Tabib u Vella, li l-attur kien qal lix-xhud li kienu "qegħdin jassistuh" – u ħalla rapport lill-attur[29];

Illi f'Awissu tal-1995, l-attur, Vella, il-Professur u oħrajn kienu marru s-Sirja jżuru fdalijiet arkejoloġiċi f'Arwad u Amrit[30]. Vella kien wera lill-attur bosrta nħawi li huwa jgħid li l-attur ma kienx għadu jaf bihom[31]. Matul Settembru tal-1995, tnediet minn Vella mawra f'Sardinja, wkoll bil-ħsieb li jinżaru siti feniċi fuq dik il-gżira. L-attur, flimkien ma' studenta oħra tal-arkejoloġija Aloisia De Trafford, kien ittieħed f'għadd ta' siti minn Vella;

Illi f'Novembru tal-1995[32], Vella reġa' kiteb lill-attur biex, fost ħwejjeġ oħra, jagħtih bil-miktub (wara li jidher li kien diġa' tkellem miegħu qabel) il-fehma tiegħu dwar kif għandu jħejji biex ifassal il-pubblikazzjoni li kellhom jagħmlu flimkien wara li l-attur ikun ressaq it-teżi tiegħu;

Illi f'Jannar tal-1996, tnediet mawra ta' ftit jiem fit-Tuneżija biex jinżaru xi siti arkejoloġiċi fi bnadi differenti. Fost il-

[27] Dok "JZ3", f'paġġ. 362 – 6 tal-proċess
[28] Xhieda ta' Anthony Muscat 21.4.1999, f'paġġ. 315 – 7 tal-proċess
[29] Dok "AM" f'paġġ. 301 – 5 tal-proċess
[30] Xhieda tal-imħarrek Vella 2.4.2004, f'paġġ. 619 – 620 tal-proċess
[31] *Ibid.* f'paġ. 620 tal-proċess
[32] Dok "PS11", f'paġġ. 511 – 2 tal-proċess

persuni li telgħu kien hemm l-attur, Vella, it-Tabib u oħrajn[33]. Wieħed mill-postijiet li nżaru kienu l-fdalijiet tal-Belt ta' Kartaġni u post ieħor kien Alhawarija, liema postijiet kienu jinteressaw l-iżjed lill-attur fit-tiftix li kien qiegħed jagħmel;

Illi fir-rebbiegħa tal-1996, Vella kien f'Malta u l-attur bagħat jisilfu xi materjal li Vella kien jeħtieġ għall-istudji tiegħu[34];

Illi l-attur ressaq it-teżi ("*long essay*") tiegħu f'Mejju tal-1996[35] fi tmiem il-kors ta' studji tiegħu. Fiha kien hemm mad-disgħin (90) disinn li kien ilesti b'reqqa u mbagħad jgħaddihom lil ħabib tiegħu biex jirfinahom u jimpaġinahom[36]. It-test miktub b'idejn l-attur, u moqri minn *proof reader*[37], kien beda jiktibhulu t-Tabib fuq *computer* tiegħu fi Frar tal-1996[38], billi l-attur ma kellux wieħed. Minħabba li t-Tabib waqaf wara l-ewwel kapitlu, l-attur qabbad persuna oħra biex ittemm ix-xogħol hi[39]. Waqt li kienet għaddejja bix-xogħol, it-Tabib kien talabha biex jara kif kienet sejra u x'kien sar, iżda hi, fuq struzzjonijiet tal-attur, ma tatu l-ebda tagħrif u għaddiet kollox lill-attur meta lestiet u l-attur ħallasha. Tat-teżi, l-attur kien ġab marka għolja;

Illi minħabba l-episodju tat-teżi, l-attur ma baqax ikellem lit-Tabib. Bil-ħidma tal-Professur, iżda, sar tentattiv biex il-partijiet jitlaqqgħu u jerġgħu jirranġaw bejniethom.[40] Saret laqgħa bejniethom, fil-preżenza tal-Professur, fis-7 ta' Awissu, 1996[41], f'San Pawl il-Baħar;

Illi fit-12 ta' Awissu, 1996, f'laqgħa li saret bejn kulħadd, intlaħaq ftehim fil-prinċipju bejn l-attur, Vella, it-Tabib u l-Professur biex il-materjal li ħareġ mit-tiftix u l-istudju magħmul mill-attur jintwera f'pubblikazzjoni f'artiklu f'rivista speċjalizzata taħt l-ismijiet tagħhom ilkoll u wkoll li

---

33 Xhieda ta' Joseph Magro Conti 7.7.1999, f'paġ. 327 tal-proċess
34 Dok "NCV05", f'paġġ. 579 – 581 tal-proċess
35 Dok "PS2", f'paġġ. 61 sa 297 tal-proċess
36 Xhieda ta' Ryan Barbara 23.2.1999, f'paġġ. 59 – 60 tal-proċess
37 Xhieda ta' David J. Aġius 16.2.2000, f'paġ. 336 tal-proċess
38 Xhieda tal-imħarrek Mifsud 24.11.2003, f'paġ. 562 tal-proċess
39 Xhieda ta' Susan Falzon Kirby 21.4.1999, paġġ. 318 – 9 tal-proċess
40 Xhieda tal-imħarrek Vella 2.4.2004, f'paġ. 623 tal-proċess
41 Xhieda tal-imħarrek Mifsud 24.11.2003, f'paġ. 563 tal-proċess

jinħareġ ktieb dwar dan. Saret laqgħa oħra bejniethom ġimgħa wara. Sadattant, Vella kien bagħat jikteb lill-Professur Harrison biex dan jibgħatlu l-parir tiegħu dwar il-proċedura li wieħed imissu jsegwi fejn pubblikazzjoni ssir minn aktar minn kontributur wieħed f'dak li jirrigwarda l-ordni tal-ismijiet tal-istess kontributuri. Fit-3 ta' Settembru, 1996[42], il-Professur Harrison bagħat it-tweġiba tiegħu lil Vella. Fil-5 ta' Settembru, 1996[43], l-attur bagħat lill-imħarrkin u lill-Professur memorandum ta' dak li ngħad f'dik il-laqgħa dwar il-pubblikazzjonijiet li kellhom f'moħħhom li jniedu;

Illi fl-10 ta' Settembru, 1996, Vella bagħat l-abbozz tal-artiklu li kellu jidher fir-rivista lill-attur, lit-Tabib u lill-Professur biex jagħmlu l-kummenti dwaru[44]. Fis-17 ta' Settembru, 1996[45], l-attur bagħat il-fehmiet tiegħu u għamel xi kundizzjonijiet lil Vella u talbu jagħtih tweġibiet għalihom qabel dan jerġa' jitla' jkompli l-istudji tiegħu fir-Renju Unit. Fid-19 ta' Settembru, 1996[46], wara laqgħa li kienet saret gand il-Professur, l-attur kiteb memorandum ieħor lill-Professur u lill-imħarrkin bil-kundizzjonijiet tiegħu dwar il-ftehim li kien intlaħaq bejniethom f'Awissu u x'jiġri jekk il-kundizzjonijiet li għamlilhom ma jilqgħuhomx. Fil-laqgħa baqa' ma ntlaħaqx qbil dwar l-ordni li fih kellhom jidhru l-ismijiet mal-artiklu ippubblikat;

Illi fit-22 ta' Settembru, 1996[47], talab l-għajnuna tal-Pulizija biex jgħinuh ħalli jiġbor mid-dar fejn joqgħod Vella l-materjal li qal li dan kien qed iżomm għandu. Vella għadda l-materjal li kellu f'kaxxa lil wieħed mill-uffiċjali tal-Pulizija[48] li marru mal-attur. Il-kawża nfetħet f'Ottubru tal-1996;

Il-Qorti dehrilha li kellha tagħmel din is-sensiela kronoliġika tal-ġrajja kemm għaliex tqis li dan iħaffef it-tifsir ta' xi konsiderazzjonijiet legali li sejrin isiru aktar 'il quddiem, u kif ukoll biex toħroġ xi ftit ordni mill-provi –

---

[42] Dok "NCV08" f'paġ. 633 tal-proċess
[43] Dokti "ES1" u "PS13", f'paġġ. 398 – 9 u 517 – 8 tal-proċess
[44] Dokti "ES" u "NCV07", f'paġġ. 373 – 396 u 593 – 617 tal-proċess
[45] Dokti "ES1" u "PS15", f'paġġ. 401 u 520 tal-proċess
[46] Dokti "ES1" u "PS16", f'paġġ. 402 – 3 u 521 – 2 tal-proċess
[47] Dok "JB", f'paġ. 413 tal-proċess
[48] Xhieda tal-imħarrek Vella 20.5.2004, f'paġ. 637 tal-proċess

dokumentali u orali – mxerrda, ġieli ripetuti, u voluminużi fl-atti li joħolqu l-qafas ta' kulma ġara bejn il-partijiet;

Illi l-Qorti tgħaddi biex tislet il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jsawru l-każ mill-ġabra tal-fatti u l-ġrajja li ssemmew aktar qabel. Dan jingħad għaliex l-attur jibni l-azzjoni tiegħu kollha fuq il-premessa li huwa kellu jeddijiet proprjetarji fuq il-materjal li jinsab fi studji u dokumenti marbutin mat-tfassil ta' tejorija li huwa sawwar matul iż-żmien li kien qiegħed jistudja fl-Universita'. Għalhekk, huwa jqis li l-użu mhux awtorizzat minnu u saħansitra ż-żamma min-naħa tal-imħarrkin ta' materjal li jagħmel minn dawk l-istudji tiegħu, jikkostitwixxu ksur tal-jedd tiegħu bħala sid tal-imsemmi materjal;

Illi l-Qorti tħoss xieraq li, qabel tibda tqis l-aspetti legali marbutin mal-kwestjoni li għandha quddiemha, tirrileva li l-każ kollu nibet minn ġrajja li nbniet madwar persuni li, flimkien mal-ħbiberija tagħhom, kienu lkoll nies midħla mad-dinja tar-riċerka u l-istudju. Hija ħasra li, minħabba l-qawwa tax-xejriet ta' personalita' ta' wħud mill-persuni milquta, opportunita' li setgħet issarfet f'riżultat ta' prestiġju akkademiku u kulturali li jagħmel ġieh lill-partijiet infushom u wkoll lill-istorja arkejoloġika ta' art twelidna, nbidlet fi dwell twil u mqanqal dwar attribuzzjonijiet, suspetti u xiljiet reċiproċi – rejali u mistħajla – li ġabu fix-xejn dan l-isforz kollettiv. Din is-silta mix-xhieda tal-attur, waqt il-kontro-eżami tiegħu, tiġbor l-aspett uman tal-kwestjoni, li din il-Qorti ratu jfawwar minn waqt għal ieħor hi u tifli l-att proċesswali: "*Isma', jiena ma' Dr. Mifsud kont ħabib kbir, ta. U anke ta' Dr. Nicholas Vella. Li nqala' huwa wara. Għax imbagħad tagħmel l-evalwazzjonijiet tal-ħbiberija li jkollok. Aħna kellna rispett kbir. Imma dana* (b'riferenza għat-Tabib) *kellu l-ħabta meta qalli 'Ħa' niġi miegħek' itella' l-video camera miegħu, niffilmjaw dak kollu li jiena osservajt, per eżempju, l-għar kwadru u tond. Mhux vera sabu hu, bħal ma qal, sibtu waħdi dak jien. Sibtu waħdi. U jien mort ngħidlu bih, imbagħad ġie bil-video tiegħu jiffilmja! Mela dik mhix intellectual property*

*meta jien neħodlok il-materjal minn moħħok u nżomm il-video għandi?*"[49];

Illi l-attur qal kemm-il darba waqt l-għoti tax-xhieda tiegħu, li kemm lit-Tabib u kif ukoll Vella kienu ntalbu minnu biex jgħinuh u għalhekk kulma għamlu matul dawk ix-xhur kollha kienu wettquh f'ismu u bħala assistenti tiegħu[50]. Fil-fehma tal-attur dan jgħodd kemm għar-ritratti li ħalla lit-Tabib u lil Vella jiġbdu, kemm għall-kostatazzjonijiet li saru fuq il-postijiet li żaru, u kif ukoll meta lit-Tabib u lil Vella għaddielhom il-materjal miktub minnu meta, il-każ tat-Tabib, jibda jiġborlu t-teżi f'*file* fil-*computer*, u aktar tard meta, fil-każ ta' Vella, għaddielu l-materjal li kien ressaq l-Universita', biex ikun jista' jfassal l-artiklu li kellhom jippubblikaw fir-rivista. Din kienet fehma ewlenija fl-attur li baqa' jtenniha u jemmen fiha bla heda. Ukoll meta kien jistqarr li "*I acknowledge the help and tutorship that Dr A Frendo gave me through all the studies at the University and I also acknowledge the assistence and help which Nicky* (l-imħarrek Vella) *gave me in the course of my studies. I am very much aware that my standard of education regarding archaeological studies lies below theirs, but this does not lessen the rights I enjoy in safeguarding my work*", huwa jtenni li "*I am the architect of the work. I am responsible for finalizing the work and everything must be done with my blessing. ... If for some reason the final amendments which I propose regarding the final draft will not be accepted – and the final draft will consist of my final approval printed on a special form – I will immediately dissolve this mutual partnership and retain all the rights regarding the information in the article. None of your goodselves can for some reason or another use elsewhere the information in the article*"[51]. Minbarra dan, l-attur kien għamel kundizzjoni lil Vella li dan ma seta' jinqeda bl-ebda parti mill-materjal tat-teżi qabel ma l-attur ikun ressaqha lill-Universita'[52];

[49] Xhieda tal-attur f'paġ. 647 tal-proċess
[50] Xhieda tal-attur 21.10.1998 u 11.12.1998, f'paġġ 46 u 54 tal-proċess
[51] Dokti f'paġġ. 401 – 2 tal-proċess
[52] Xhieda ta' Elizabeth Saliba 20.3.2001, f'paġ. 369 tal-proċess

Illi l-azzjoni tal-attur tinbena fuq dak li l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur[53] u b'mod partikolari drittijiet imnissla minn "xogħol letterarju" kif imfisser f'dak l-Att. Irid jingħad li, għalkemm il-kawża nbdiet meta kien hemm fis-seħħ f'Malta liġi oħra dwar id-Drittijiet tal-Awtur[54], dik li ddaħħlet minflokha għadha sostanzjalment tkopri l-istess jeddijiet. Madankollu, il-Qorti hija tal-fehma li, f'kull każ, l-azzjoni tal-lum għandha titqies taħt il-liġi l-ġdida u dan fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 60(1)(b) tal-Kap 415[55]. Kull riferenza għal-liġi f'din is-sentenza hija riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-Kap 415, sakemm ma jingħadx mod ieħor;

Illi tajjeb li jingħad ukoll li l-liġi li tħares id-dritt tal-awtur ma tipproteġix l-idejat[56], imma l-manifestazzjoni tagħhom b'xi wieħed mill-metodi magħrufa fl-artikolu 3. Għalhekk, biex jitnissel id-dritt tal-awtur, jeħtieġ li x-xogħol ikun oriġinali u jkun inkiteb, ġie reġistrat, iffissat jew mogħti sura materjali[57]. Dan il-ħarsien jikkonsisti fid-dritt esklussiv li l-awtur jawtorizza jew jipprojbixxi l-għamil f'Malta dwar il-materjal protett kollu jew f'biċċa minnu, kemm jekk fis-sura oriġinali tiegħu jew f'xi sura miksuba b'mod li jingħaraf sewwa mill-oriġinal, ta' xi waħda mill-għemejjel li bih xogħol imħares jista' jixxandar, jixxerred, jinkera jew jintwera b'xi mod kif imsemmi mil-liġi[58]. L-oriġinalita' li għaliha jirreferi d-dritt tal-awtur hija oriġinalita' fil-mod kif il-ħsieb letterarju jintwera u jissawwar[59]. Kif ingħad b'awtorita' f'dan ir-rigward, "*The word 'original' does not in this connection mean that the work must be the expression of original or inventive thought. Copyright Acts are not concerned with the originality of ideas, but with the expression of thought. ... The originality which is required relates to the expression of the thought. But the Act does not require that the expression must be in an original or novel form, but that the work must not be copied from another work – that it should originate from*

[53] Att XIII tal-2000 (Kap 415)
[54] Att VI tal-1967 (Kap 196 tal-Liġijiet ta' Malta)
[55] App. Ċiv. **31.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***General Soft Drinks Co. Ltd. vs Portanier Bros. Ltd.***
[56] Cornish & Llewelyn *Intellectual Property* (5th Edit, 2003), § 10-04, f'paġ. 388
[57] Art. 3(2) tal-Kap 415
[58] Art. 7(1) tal-Kap 415
[59] *Copinger & Skone-James on Copyright* (13th Edit.), § 3-27

*the author*”[60]. Minbarra dan, il-fatt li jsir xogħol preliminari qabel ma jitlesta xogħol li dwaru jeżisti l-jedd ta’ dritt tal-awtur, ma jġibx b’daqshekk biss in-nuqqas tal-element tal-oriġinalita’ f’dak ix-xogħol mitmum[61];

Illi minbarra l-aspett ta’ oriġinalita’ fil-preżentazzjoni, huwa meħtieġ li jintwera wkoll element ta’ ħila, ġudizzju u xogħol fil-produzzjoni tal-attivita’ li jistħoqqilha tiġi mħarsa bid-dritt tal-awtur. Jista’ jagħti l-każ fejn xogħol li jistħoqqlu l-ħarsien tad-dritt tal-awtur ikun huwa nnifsu mirut minn għajn jew għejjun li huma nfushom ikunu diġa’ mħarsa bi dritt tal-awtur dwarhom li jkun għadu fis-seħħ: f’każ bħal dan, f’xogħol bħal dak ikun hemm miġbura għadd ta’ jeddijiet tal-awtur distinti u l-awtur tal-aħħar xogħol huwa mistenni li jagħraf il-jeddijiet ta’ dawk li jgawdu l-jedd tal-awtur fuq l-għajn jew l-għejjun imsemmija;

Illi wara li saru dawn il-konsiderazzjonijiet u f’dan l-istadju, il-Qorti tqis li huwa ta’ siwi ewlieni li, fil-każ li għandha quddiemha, tistabilixxi min huwa l-awtur li jgawdi l-jeddijiet li dwarhom saret din il-kawża. Dan l-istħarriġ irid isir qabel kull ħaġa oħra għaliex huwa l-qofol tal-ewwel talba attriċi u l-qafas tal-kwestjoni kollha li nqalgħet bejn il-partijiet u oħrajn meta sfaxxa fix-xejn il-ħsieb li taħt isimhom ilkoll joħroġ artiklu f’ġurnal prestiġġjuż internazzjonali fil-qasam tal-arkejoloġija. Min-naħa l-oħra, l-imħarrkin jisħqu li huma m’għandhomx f’idejhom materjal li huwa tal-attur;

Illi tajjeb li jingħad li wieħed għandu jagħraf id-differenza bejn il-jedd tal-proprjeta’ fix-xogħol artistiku li jkun u l-jedd tal-awtur dwar l-istess xogħol[62]. Wieħed jista’ jkun sid ta’ xogħol artistiku għaliex ikun xtrah jew ikun fil-pussess tiegħu, iżda mhux bilfors li jkollu wkoll id-drittijiet tal-awtur dwar dak ix-xogħol, liema drittijiet jibqgħu vestiti fl-awtur li ħoloq dak ix-xogħol. Għalhekk, l-argument tal-imħarrkin irid jitqies fid-dawl ta’ din il-konsiderazzjoni wkoll;

Illi l-każ li għandna quddiemna jirrigwarda xogħol artistiku li jikkonsisti f’kitba ta’ *assignments* u wkoll *long essay*

[60] Peterson J. fil-kawża ***University of London Press Ltd. vs University Tutorial Press Ltd.*** (1916) 2 Ch. 601, a fol. 608
[61] Bainbridge *Intellectual Property* (5th Edit, 2002) f’paġ. 37
[62] Cornish & Llewelyn *op. cit.*, § 11-02, f’paġ. 419; Bainbridge *Intellectual Property* (5th Edit), pg. 85

(teżi). Jolqot ukoll xi disinji. L-attur jgħid li dawk il-ħwejjeġ żammewhom l-imħarrkin, jew min minnhom, kontra r-rieda tiegħu u ma jridux jagħtuhomlu lura. L-imħarrkin jisħqu li kulma għandhom f'idejhom huma kopji tax-xogħol tal-attur li l-attur innifsu għażel li jgħaddilhom;

Illi l-imħarrkin baqgħu ma fissru qatt x'riedu jgħidu bl-eċċezzjoni tagħhom. Iżda mis-sottomissjonijiet li saru mill-għaref difensur tagħhom[63] jidher li huma qegħdin isejsu d-difiża tagħhom dwar it-talbiet attriċi fuq żewġ argumenti ewlenin: l-ewwel wieħed hu li dak li żammew f'idejhom huwa biss kopja tal-oriġinal li llum jinsab arkivjat fl-Universita'; it-tieni argument huwa li l-materjal li ħareġ bih l-attur huwa mfassal fuq tagħrif u materjal li huwa kien ingħata mit-Tabib, u b'hekk l-attur ma jistax jippretendi li huwa s-sid "assolut" ta' dak li m'huwiex tiegħu biss. L-imħarrek Vella żied ukoll sottomissjoni oħra fis-sens li ladarba fuq kopja ta' dokument li għaddielu l-attur huwa kien niżżel xi notamenti bi kritika għal xi wħud mill-fehmiet tal-attur, dawk il-kummenti saru, min-natura tagħhom, proprjeta' intellettwali tiegħu li jiġġustifikaw li l-imsemmija kopja ma tintraddx lura lill-attur;

Illi dwar dak li jikkostitwixxi "xogħol letterarju", il-liġi tgħodd f'dak il-kliem "kotba ta' test[64], trattati, storja, bijografija, *essays* u artikoli"[65]. Din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li x-xogħlijiet miktuba mill-attur u li jagħmlu l-mertu tal-azzjoni tiegħu jaqgħu sewwa f'din it-tifsira. Fid-duttrina, bil-kelma "xogħol" wieħed jifhem l-opra sħiħa, u għalhekk kull abbozz jew edizzjoni ta' xogħol mitmum irid jitqies għalih. Dwar id-disinji li l-attur irid li jintraddulu lura, dawn jaqgħu taħt it-tifsira ta' "xogħol artistiku"[66]. Fiż-żewġ każi ta' "xogħol letterajru" u "xogħol artistiku", l-kwalita' artistika jew letterarja tax-xogħol li jkun ma hija bl-ebda mod rilevanti biex tingħatalu dik it-tifsira;

Illi fil-każ tal-lum, ix-xogħlijiet li fuqhom l-attur isejjes it-talbiet tiegħu huma kitbiet u materjal li huwa ressaq lill-Fakulta' tal-Universita ta' Malta. Għalkemm l-ebda waħda

[63] Paġ. 772 tal-proċess
[64] Fil-verżjoni fl-ilsien ingliż tintuża l-kelma "*textbooks*"
[65] Par (ċ) tat-tifsira tal-kliem 'xogħol letterarju fl-art. 2(1) tal-Kap 415
[66] Par (a) jew (b) tat-tifsira tal-kliem 'xogħol artistiku' fl-art. 2(1) tal-Kap 415

mill-partijiet ma dehrilha li kellha tagħmel xi sottomissjonijiet f'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li dan il-fatt waħdu ma jżommx lill-attur milli jippretendi, jekk ikun il-każ, l-jeddijiet tal-awtur fuq dak li kiteb u ressaq. F'dan ir-rigward inkiteb li "*as students are not in an employment relationship with their university they own the copyright in works that they create in the course of their research and studies at the university. ... It is unclear as to whether enrolment at a university constitutes a binding contract between the institution and the student such as to allow the university to claim copyright ownership over works produced by a student whilst a student at the institution. Accordingly, it would be necessary to examine the effect of each institution's enrolment policy with the students to determine the copyright ownership issue between the student and their university*"[67]. Jekk kellu jirriżulta li, dwar ix-xogħlijiet tal-attur f'din il-kawża, l-jedd tal-awtur kien vestit fl-Universita', l-azzjoni tiegħu tieqaf hawnhekk. Il-Qorti qiegħda tqis li, ladarba ma tressqet l-ebda prova mill-imħarrkin dwar din il-kwestjoni, għandu jitqies li, dwar il-materjal mertu tal-kawża, l-attur jista' jippretendi li jgawdi l-jedd pretiż minnu, jekk kemm-il darba jikkonkorru ċ-ċirkostanzi meħtieġa;

Illi l-ewwel talba tal-attur trid li din il-Qorti ssib li l-materjal kollu li huwa ħareġ kemm fl-*assignments* u kif ukoll fit-teżi ("*long essay*") matul l-istudji universitarji tiegħu jitqiesu bħala "proprjeta' assoluta" tiegħu. X'aktarx l-għażla ta' din il-frażi m'hijiex waħda għaqlija. Il-provi juru li x-xogħol maħruġ mill-attur (kemm fl-*assignments* u kif ukoll fit-teżi) kien imsejjes fuq tagħrif li tah it-Tabib. Matul iż-żmien tat-tiftix, kien ingħata tagħrif ieħor minn Vella, kemm f'Malta u kif ukoll f'żewġ mawriet barra minn Malta. Dan il-fatt l-attur jagħrfu bil-kitba kemm fl-*assignments* u kif ukoll fit-teżi. Huwa minnu li dak it-tagħrif ma kienx bilfors fis-sura ta' pubblikazzjoni mħarsa bi dritt tal-awtur favur it-Tabib jew favur Vella, iżda t-Tabib kien ta lill-attur materjal miktub, korrispondenza ma' awtoritajiet fil-qasam, u wkoll ritratti u filmati miġbuda minnu. Dawn, min-natura tagħhom, jistgħu jkunu materjal li jagħti dritt ta' awtur f'min

[67] Wiseman L Copyright in Universities (QUT, July 1999) §§ 3.2.1.3 u 3.2.2.5 f'paġġ. 27, 29

għamilhom. F'dan ir-rigward ukoll, l-attur jagħti għarfien formali fil-kitbiet tiegħu, u (għallanaqas fid-dieher) ifaħħar dak it-tagħrif mogħti lilu bħala meħtieġ għax-xogħol aħħari tiegħu;

Illi minbarra dan, l-azzjoni mressqa mill-attur hija dik li tallega li seħħ ksur min-naħa tal-imħarrkin għaliex żammew taħt idejhom materjal li l-attur igawdi l-jeddijiet tal-awtur dwaru u biex iżommhom milli b'xi mod jinqdew bih f'xi xogħol jew studji oħrajn tagħhom. Kemm hu hekk, jirriżulta li, wara li kien sar it-tiftix mill-attur, it-Tabib kien wera l-ħsieb li jikteb ktieb. L-imħarrerk Vella, min-naħa tiegħu, kien qiegħed ikompli l-istudji tiegħu fl-Universita' ta' Bristol biex jikseb id-Dottorat tal-Filosofija. Bejn Marzu u Lulju tal-1998 (jiġifieri fiż-żmien li kienet miexja l-kawża), l-attur u l-avukat tiegħu bagħtu xejn anqas minn għaxar ittri lill-Universita' ta' Bristol[68] biex iwissu ħalli Vella ma jitħalliex jinqeda bil-materjal tal-attur f'xi xogħol li jippreżenta biex jikseb il-grad universitarju li għalih kien daħal jistudja f'dik l-universita'. Fi kliem l-attur innifsu, "*I am submitting to you all this information in order to let you know that Mr Vella has no intellectual property in my work, and he has no right in order to obtain his Ph.D. to plagiarize at my expense*"[69] (ittra lill-Prof. R.J. Harrison), u "*I am submitting this information so that steps would be taken against Mr Vella in case he is making use of any of my work, to prevent him from plagiarising*" (ittra lir-rettur tal-Universita' ta' Bristol)[70];

Illi l-Qorti tifhem li l-linja ta' għamil li jrid isegwi l-attur tintrabat ma' dak li huwa mgħallem, jiġifieri li "*the basic forms of copyright give the right not only to stop unauthorised reproductions of the works in its original form, but also in other material forms, and they give protection against adaptations*"[71];

Illi, madankollu, fil-fehma tal-Qorti, ċ-ċirkostanzi fattwali li jirrigwardaw il-materjal "rivendikat" mill-attur iwassluha biex tqis li l-attur ma jistax jippretendi esklussivita' fil-

[68] Dokti 1 – 16 f'paġġ. 659 sa 674 tal-proċess
[69] Paġ. 661 tal-proċess
[70] Paġ. 665 tal-proċess
[71] Cornish & Llewelyn *op. cit.*, § 10-40, f'paġ. 409

materjal li huwa ħareġ bih matul l-istudji tiegħu, b'mod li jżomm lil min ħalaq il-materjal oriġinali mogħti lilu milli, min-naħa tiegħu, jeżerċita l-jeddijiet li seta' kellhom fuq dak il-materjal. Huwa minnu li l-imħarrkin jaċċettaw li l-attur huwa l-awtur tal-interpretazzjonijiet u l-ipoteżi u t-tejoriji li jissemmew fit-teżi tiegħu[72]. Iżda huma jisħqu li dan ma jagħtihx jedd li jsir sid "assolut" ta' kull materjal ieħor li ddaħħal f'dawk il-kitbiet tal-attur bla ma jittieħed qies tal-fatt li hemm materjal li huwa tagħhom u li l-attur innifsu stqarr dan fl-imsemmija kitbiet tiegħu;

Illi fuq kollox, jekk l-attur irid li minħabba l-materjal li huwa ħareġ matul l-istudji universitarji tiegħu jeżerċita xi jedd ukoll li jista' jisħaq mal-imħarrek Vella biex jgħaddilu l-abbozz tal-artiklu li kien se' jkun pubblikat taħt isimhom, dan lanqas ma huwa mistħoqq. Fl-ewwel lok, l-abbozz inkiteb minn Vella. Il-fatt li l-attur ħallih jiktbu hu jew x'kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu lill-attur biex iħalli lil Vella jabbozza l-artiklu, m'humiex wisq rilevanti għall-finijiet tal-kawża. Minbarra li Vella kien l-awtur tal-abbozz artiklu, għamel eżerċizzju li ikkritika (biex ma tintużax il-kelma "maqdar") ħafna mill-ħsibijiet tal-attur[73]. Kemm hu hekk, l-attur xlih li "kien ħarbatlu l-mudell u li x-xogħol li kien għamel hu ma sewa għal xejn"[74]. Hemm imbagħad ix-xhieda li turi li kemm l-istil tal-kitba u kif ukoll il-kontenut akkademiku tal-abbozz miktub minn Vella huwa ta' livell ogħla mill-materjal li ħaseb u kiteb l-attur billi "mar oltre billi ġab il-ġdid"[75]. L-istess jingħad fuq il-fehmiet u l-konklużjonijiet imfissra fit-teżi tal-attur[76];

Illi huwa stabilit ukoll li waħda mid-difiżi kontra x-xilja ta' ksur tad-dritt tal-awtur hija dik li tħalli li jsir użu bil-qies minn xogħol protett (il-kunċett tal-"*fair dealing*"). Minħabba li l-liġi tgħid li l-ikkupjar irid ikun ta' xogħol oriġinali kollu jew imqar f'parti sostanzjali minnu, "*the requirement of 'substantial taking' prevents the owner of a copyright work from objecting to minor borrowings from*

[72] Paġ. 772 tal-proċess
[73] Xhieda tal-imħarrek Vella 2.4.2004, f'paġġ. 625 – 9 tal-proċess
[74] Xhieda tal-imħarrek Vella 20.5.2004, f'paġ. 635 tal-proċess
[75] Xhieda tal-Prof Anthony Frendo 24.10.2001 u 2.6.2003, f'paġġ. 419 u 505 tal-proċess
[76] Xhieda tal-Prof Anthony Frendo 10.1.2002, f'paġġ. 485 – 9 tal-proċess

*it*"[77]. Fost iċ-ċirkostanzi maħsuba li jaqgħu taħt din l-eċċezzjoni, wieħed isib saħansitra l-ikkupjar ta' xogħol letterarju jew artistiku għal għanijiet ta' studju privat u riċerka mhux kummerċjali[78]. Minbarra dan, il-ħarsien tad-dritt tal-awtur ma jestendix għall-ikkupjar tal-idejat, fatti jew tagħrif li jistgħu jkunu jinsabu f'xogħol protett, iżda biss sa dawk l-elementi ta' espressjoni mix-xogħol protett li jkunu joriġinaw mill-awtur[79];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u wara li l-Qorti qieset sewwa l-ewwel talba tal-attur, tasal għall-fehma li dik it-talba kif imressqa ma tistax tintlaqa' għaliex dak li ntalab la ntwera bi prova tajba u lanqas huwa msejjes fil-liġi;

Illi meta ressaq il-kawża, l-attur semma *drawings*, pjanti u dokumenti bħala l-ħwejjeġ li l-imħarrkin, jew min minnhom, żammew għandhom u jridhom iroddulu lura. Mill-affidavit tiegħu[80], jidher li l-attur isemmi l-kitbiet tiegħu u wkoll il-*floppy disk* bħala l-affarijiet li jgħid li għadda lill-imħarrkin u li baqgħu ma raddewlux lura. Madankollu, jiriżulta mill-provi li, ftit jiem qabel infetħet il-kawża u wara li talab l-għajnuna tal-Pulizija, l-attur seħħlu jirtira mingħand l-imħarrek Vella kaxxa mimlija materjal li ħa lura għandu. Vella jgħid x'kien jikkonsisti tali materjal[81] u l-attur ma jidhirx li ikkontesta dik ix-xhieda. Għalkemm l-imħarrek Mifsud jistqarr li l-attur kien għaddielu l-*floppy disk* biex jagħmillu kopji tat-teżi, ċaħad li huwa żamm xi materjal għandu, anzi, għall-kuntrarju, jgħid li kien silef lill-attur il-filmat *video* li kien ġibed waqt il-mawra fit-Tuneżija u l-attur qatt ma tahulu lura[82] u li kulma kellu għaddih lil Vella. Mart l-attur ukoll xehdet[83] li l-imħarrek Vella kien ħa l-*floppy disks* li żewġha kien għadda lit-Tabib u żammhom għandu filwaqt li tah lura ktieb u xi ritratti meta żewġha mar mal-Pulizija, u tgħid li Vella żamm għandu t-teżi, id-disinji u "materjal ieħor" bla ma qalet x'inhu. Meta sar il-

---

[77] Cornish & Llewelyn *op. cit.*, § 11-36, f'paġ. 440
[78] *Ibid.* §§ 13-10 sa 13-15 f'paġġ. 507 – 511 u art 9(1)(ċ)(d) u (ħ) tal-Kap 415
[79] App. Ċiv. **3.12.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Louis Cassar Pulliċino noe vs NCT International Trading Limited***
[80] Paġ. 37 tal-proċess
[81] Xhieda tiegħu 26.5.2004, f'paġġ. 637 – 8 tal-proċess
[82] Xhieda tal-imħarrek Mifsud 24.11.2003, f'paġ. 562 tal-proċess
[83] Xhieda tagħha 22.5.2001, f'paġ. 408 tal-proċess

kontro-eżami tal-attur, huwa qal li l-materjal tiegħu li jgħid li jinsab għand l-imħarrek Vella jikkonsisti (a) f'erbgħa u sebgħin (74) pjanti oriġinali li kopji tagħhom jinsabu mat-teżi li ssottometta lill-Universita' u (b) kopja tat-teżi. Dwar din tal-aħħar l-attur jgħid li l-imħarrek Vella "jista' jżommha u jgħożżha"[84], u għalhekk il-Qorti qiegħda tifhem li din tfisser li l-attur m'għadux jisħaq li tintraddlu lura l-kopja tat-teżi u qiegħed jirrinunzja għaliha (fir-rigward taż-żewġ imħarrkin) u li l-pretensjoni tiegħu dwar it-tieni talba tiegħu illum hija limitata għall-imsemmija disinji;

Illi meta sar il-kontro-eżami tal-imħarrek Vella[85], dan qabel li l-imsemmija disinji huma f'idejh. Iżda jisħaq li dawk li għandu huma fotokopji u li ma nqediex bihom bl-ebda mod fl-istudji tiegħu jew f'xi pubblikazzjonijiet li għamel għaliex "din il-kawża għamlitli kaxxa magħluqa dwar il-mod kif niddisponi minn dak il-materjal"[86]. Fisser ukoll li żammhom għandu għaliex fuqhom kien kiteb xi notamenti li jgħid li għandu l-jedd li ma jurihomx lill-attur. Minkejja li l-imħarrek Vella kien wiegħed li kien se' jressaq l-imsemmija dokumenti biex tarahom il-Qorti u tasal għall-fehma tagħha dwarhom, dan baqa' m'għamlux;

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti ssib li dawk id-disinji tassew jikkostitwixxu xogħol artistiku kif mifhum mil-liġi u li dwaru l-attur jistħoqqlu jgawdi l-jedd tal-awtur u mhux biss il-jedd ta' sid dwarhom. L-attur jisħaq li dak li għadda lil Vella kienu l-oriġinali u spjega b'mod plawsibbli kif dan huwa l-każ u kif id-disinji li tressqu mat-teżi ma kinux huma l-oriġinali ta' dak ix-xogħol. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek Vella naqas li jagħti tifsira tajba biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex taqbel miegħu li dak li għaddhielu l-attur kienu tassew "sempliċi kopji" tad-disinji. Naqas ukoll li juri, kif kellu d-dmir li jagħmel, li dak li kien qed jgħid kien minnu u naqas li jżomm il-wegħda tiegħu li jressaq l-istess dokumenti għall-iskrutinju tal-Qorti;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, l-Qorti għalhekk sejra tilqa' **t-tieni talba attriċi** għar-rigward

---

[84] Xhieda tiegħu 22.11.2004, f'paġ. 646 tal-proċess
[85] Xhieda tiegħu 5.5.2005, f'paġ. 747 tal-proċess
[86] *Ibid.* f'paġ. 748 tal-proċess

tal-imsemmija disinji, iżda dwar dawn biss u wkoll fil-konfront tal-imħarrek Vella waħdu għaliex ma ntweriex li l-imħarrek Mifsud ukoll żamm taħt idejh kopja tal-istess disinji;

Illi f'din il-kawża  l-attur talab speċifikatament ir-radd lura tal-ħwejjeġ li l-imħarrkin, jew min minnhom, qegħdin iżommu għandhom bi ksur tal-jedd tiegħu tal-awtur fuqhom.  L-attur ma talabx danni, iżda ħalla riżerva f'dan is-sens fl-Att taċ-Ċitazzjoni.  It-talba għar-radd lura tal-ħwejjeġ li dwarhom igawdi l-jedd tal-awtur hija, madankollu, waħda mit-talbiet magħrufa mil-liġi li tgħodd għall-każ, tista' tintalab bla ma jintalbu d-danni u hija tajba[87];

Illi għal dak li jirrigwarda **t-tielet talba attriċi**, din tintrabat mat-talba ta' qabilha.  Ladarba dik it-talba sejra tintlaqa' u sal-limiti li din il-Qorti fissret li sejra tilqagħha, hekk ukoll u limitatament għal dak li jissemma aktar qabel, il-Qorti sejra tilqa' t-tielet talba u hawn ukoll fil-konfront biss tal-imħarrek Vella;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** kif imressqa billi ma jirriżultax li l-attur huwa tassew is-sid assolut tal-materjal kollu msemmi f'dik it-talba, fis-sens li trid il-liġi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi**, limitatatament dwar id-disinji li l-attur ħejja bil-ħila tiegħu u ressaq mat-teżi tiegħu u dan għaliex jirriżulta li huwa s-sid ta' dak il-materjal artistiku u li kien għaddihom b'self lill-imħarrek Nicholas Vella bil-ħsieb li jintraddulu lura u tordna lill-istess imħarrek Nicholas Vella jroddhom lura lill-attur fi żmien tletin (30) jum mil-lum, u **tiċħad l-istess talba għall-bqija** jew fil-konfront tal-imħarrek Dottor Anthony Mifsud;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** biss u safejn taqbel ma' dak ordnat hawn fuq; u

---

[87] Art. 43(3) tal-Kap 415

Tordna li l-**ispejjeż kollha tal-kawża**, magħduda dawk tal-imħarrek Tabib Mifsud, jinqasmu bin-nofs bejn l-attur u l-imħarrek Vella.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------